## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 122/2020: **MARY DEBATTISTA (KI. 853146M) V. LOUIS SIVE LOUIE R. NAUDI (KI. 515455M)**

(MHUX MEĦTIEĠ LI KUNTRATT TA' SELF JIĠI REDATT BIL-MIKTUB B'DIFFERENZA MINN WEGĦDA TA' SELF – META L-PARTIJIETF'KAWŻA JAGĦTU ŻEWĠ VERŻJONIJIET TAL-FATTI KUNFLIĠĠENTI JEW OPPOSTI GĦAL XULXIN – IL-PRINĊIPJU LEGALI LI KONTRA L-MIKTUB MHUMIEX AMMISSIBBLI PROVI MHUX MIKTUBA SALV GĦAL ĊERTU EĊĊEZZJONIJIET – IL-PRINĊIPJU LEGALI LI FTEHIM GĦANDU S-SAĦĦA TA' LIĠI BEJN IL-PARTIJIET KONTRAENTI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**30 ta' Jannar 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Mary Debattista ("ir-rikorrenti") ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2020[1] li permezz tiegħu talbet lil Louis sive Louie R. Naudi ("l-intimat") sabiex jgħid l-għaliex m'għandux ikun kkundannat mill-Qorti:

> tħallas lill-esponenti is-somma ta' **għaxart elef Ewro (€10,000)** liema somma ġiet mislufa lilek minn Paul Debattista (illum defunt) permezz ta' żewġ skritturi datati s-7 ta' Novembru 2014 (**Dok. A**) u il-25 ta' Novembru 2014 (**Dok. B**) rispettivament.
>
> Bl-imghax ta' 6% dekoribbili mid-data ta' kull skrittura sovra indikata u annessa sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittri uffiċjali (Art. 166A) tat-30 ta' Settembru 2019 (**Dok. C**).

wara li rat ir-risposta tal-intimat ppreżentata fit-12 ta' Awwissu 2020[2] li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

---

[1] Fol 1
[2] Fol 10-11

It-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u bħala tali għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess għar-raġunjiet segwenti:

1. **Fl-ewwel lok**, l-attriċi għad trid iġġib prova illi hija l-eredi tad-defunt Paul Debattista u li sussegwentament kienet awtorizzata tiftaħ din il-kawża.

2. **Fit-tieni lok** l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur ta' din l-azzjoni u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

3. **Fit-tielet lok**, billi l-iskritturi jipprovdu għal promessa ta' self u mhux self attwali, **l-attriċi trid tipprova illi s-self attwalment sar u sar lil Louie Naudi.** Dan qiegħed jingħad għaliex ser jirriżulta fis-smigħ tal-kawża illi attwalment Louie Naudi qatt ma ingħata hu flus b'self mingħand Paul Debattista kif kien imwiegħed.

4. **Fir-raba' lok** is-somma riklamata mill-attriċi (ta' għaxart elef ewro (€10,000)) mhijiex dovuta mill-esponenti, kif diġà ġie ritenut mill-istess fin-nota ppreżentata mill-esponenti fil-Qorti tal-Maġistrati bħala risposta għall-ittra tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 166A, liema ittra kienet minnha nnifisha frivola u vessatorja.

5. **Fil-ħames lok** lanqas ma huwa dovut l-imgħax mitlub mir-rikorrenti, u dan abbażi tar-raġunijiet suesposti.

6. **Fis-sitt lok** lanqas ma huma dovuti l-ispejjeż inkorsi għall-ittra uffiċjali taħt l-Artikolu 166A, billi din m'hija msejsa fuq l-ebda bażi fattwali.

7. **Fis-seba' lok,** mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fil-Liġi.

Salv eċċezzjonijet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

wara li semgħet ix-xhieda u/jew qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat l-atti proċesswali,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmulha:

- għan-nom tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Andrew Sciberras, u
- għan-nom tal-intimat, mill-Avukat Dr. Rebecca Mercieca

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. F'din il-kawża r-rikorrenti, li tiġi mart il-mejjet Paul Debattista, qed tallega illi skond żewġ skritturi privati ffirmati bejn żewġha u l-intimat fis-7 ta' Novembru 2014 u 25 ta' Novembru 2014 rispettivament, żewġha kien sellef *brevi manu* lill-istess intimat is-somma totali ta' għaxart elef euro (€10,000), liema ammont għadu dovut sal-ġurnata tal-lum u li issa jispetta lilha stante illi hija l-eredi universali tad-*decujus*. Fil-mertu, l-intimat jiddisdiċi dan u jgħid illi l-€10,000 ma' ġewx imsellfa lilu personalment iżda Paul Debattista, ġia direttur flimkien mal-intimat fl-kumpanija A.T.B. Limited (illum defunta ossia' kkanċellata mir-Reġistru tal-Kumpaniji), kien investa dak l-ammont fil-kumpanija msemmija mentri l-iskritturi kienu magħmulin b'mod finta fuq insistenza ta' Debattista peress li ried iserraħ moħħ martu.

2. Mill-provi jirriżulta mhux kontestat illi l-intimat u Paul Debattista ffirmaw żewġ skritturi separati, wieħed fis-7 ta' Novembru 2014 u l-ieħor fil-25 ta' Novembru 2014 fejn f'kull wieħed minnhom ġie miftiehm illi: "**... Paul Debattista ser isellef lil Louie Naudi s-somma ta' ħames t'elef Ewro (€5,000) bl-imgħax ta' 6%. L-imgħax u I-kapital ser jitħallsu lura fil-31 ta' Lulju 2015 u I-imgħax huwa dovut interament (6%)**"[3]

3. Jirriżulta ukoll mhux kontestat illi saru żewġ pagamenti mill-*joint account* tar-rikorrenti u żewġha:

    1. **08.11.2014**: Pagament ta' ħamest elef euro (€ 5,000) permezz ta' ċekk datat 7 ta' Novembru 2014, indirizzat lil A.T.B. Limited, li ġie ddepożitat fil-kont tal-istess kumpanija fit-8 ta' Novembru 2014.[4]

    2. **21.11.2014:** Pagament ta' ħamest elef euro (€ 5,000) permezz ta' bank draft maħruġ lil Paul Debattista (debitat lill-*joint account* tar-rikorrenti u żewġha) u li pero ġie msarraf fis-27 ta' Novembru 2014 minn persuna bil-karta tal-identita' numru 798550M.[5]

[3] Fol 2 u 3
[4] Fol 26 u 45
[5] Fol 58

4. Fl-affidavit tagħha r-rikorrenti Mary Debattista tgħid illi tiftakar qis l-bieraħ illi żewġha kien staqsiha speċifikament jekk kellix oġġezzjoni li jsellef il-flus lill-intimat. Qalet li dan l-aħħar skopriet permezz tal-avukat tagħha illi l-intimat kien midjun u kellu sekwestri fuq ismu u għalhekk kien jagħmel sens illi ċ-ċekkijiet ma' ħarġux f'ismu personalment. Spjegat li żewġha kemm il-darba kien jiġri wara l-intimat biex iħallsu l-flus lura u li dan kien jgħidlu li ħa jgħaddihomlu lura meta jkollu minn fejn. Qalet ukoll illi darba minnhom l-intimat kien mar jara lill-żewġha l-Isptar u meta staqsietu dwar il-flus qallha illi biex ma' tieħux ħsieb għaliex il-fus kienet ser teħodhom lura.[6]

5. Meta xehdet in kontroeżami, l-istess Mary Debattista qalet illi:

> "*Paul kien jghin hafna lil Louie Naudi ghax hu kien habib tieghu hafna . Ghalija Louie Naudi kien a real gentleman hux ghax ir-ragel tieghi dejjem kien ifahhru. Umbaghad naf li kien gie em on the 7th of November u kien qalli r-ragel qalli int ssib xi objection jekk lil Louie Naudi nsellfu 5000 ? U jiena heq I mean ahna konna joint account dejjem u jien ghidtlu no ma nsibx insomma u morna l-bank u tajnih 5000 hareg cheque umbaghad xi 15 days wara minghalija kienu xi 27th November rega gie Paul qalli isma qalli Mary ghandu bzonn hamest elef ohra Louie Naudi u jien kont ghidtlu ok heq inti taf x'ragel hu tista ttihomlu hu qalli pero' issa ngiblek il karti Paul qalli emm signed minni u minnu li selliftu dawn it ten thousand u kellu jtihomlna the next year fit 2015 fit 31st July kellu jtina dawn it ten thousand*"[7]

Qalet ukoll illi żewġha kien għaddielha ż-żewġ skritturi u qalilha biex iżżommhom għax jiġu bżonnhom. Hija kkonfermat ukoll illi m'huwiex il-każ li żewġha kien investa l-flus imsemmija fil-kumpanija għaliex dan kieku żgur kien jgħidilha. Spjegat illi filfatt żewġha Paul qatt ma' ħareġ flus għall-kumpanija u li l-intimat kien ġieli jħallsu xi ħaġa żgħira tax-xogħol li kien jagħmel lill-kumpanija liema xogħol (bħal *lectures*) huwa kien jagħmlu iżjed bħala passatemp. Finalment qalet ukoll illi apparti dakinhar li kellmitu l-Isptar, hija kienet iltaqgħet darb' oħra mal-intimat f'Ta' Qali fejn meta fakkritu fil-flus huwa kien serrħilha moħħa dwarhom.

6. Meta xehed in subizzjoni fit-18 ta' Ottubru 2021, l-intimat Louie Naudi ċaħad illi huwa personalment qatt isellef xi flus mingħand Paul Debattista u li l-kwistjoni kollha kienet *a very big misunderstanding*. Ammetta li kellu xi sekwestri pero' sa'

[6] Fol 18 u 19
[7] Fol 120 *et. seq.*

fejn jaf hu mhux kontra tiegħu personalment. Ma' ftakarx kemm kienu l-ammonti sekwestrati u lanqas id-dati tagħhom. Spjega li kien ilu xi għoxrin sena ma' jkollu kont bankarju personali f'ismu.

7. Fl-affidavit tiegħu[8] imbagħad spjega illi huwa kien ilu jaf lil Paul Debattista sa' mis-sena 1996 meta kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Kunsill tal-Kulleġġ tal-Agrikoltura. Meta sar Segretarju tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa fl-2006 u kien jorganizza attivitajiet u inizjattivi għall-bdiewa, Debattista li kien għadu kemm irtira mid-Dipartiment tal-Agrikoltura kien attenda waħda mill-laqgħat u qallu li xtaq jgħinu f'dak li kien qed jagħmel għall-gwadann tal-bdiewa f'Malta. Eventwalment saru ħbieb tal-qalb. Fl-2009 ġiet imwaqqfa l-kumpanija A.T.B. Limited u Debattista kien wieħed mid-Diretturi u eventwalment anke *Chairman* tagħha mentri l-intimat kien Segretarju. Huwa spjega kif matul is-snin wettqu diversi proġetti u organizzaw diversi attivitajiet fejn ir-rikorrenti ġieli anke attendiet xi wħud minnhom. F'xi żmien kienu ħolqu kumpanija oħra bl-isem ta' Agri Advisory Limited li kienet iffurmat konsorzju ma' terzi sabiex jidħlu għal *tender* tal-Unjoni Ewropeja għal proġett ambizzjuż fit-Tramuntana taċ-Ċipru. Biex ikunu jistgħu jagħmlu dan ħteġilhom jinvestu fi proprjeta' tal-kumpanija u peress li ma' kienux jinġabru miżati mill-bdiewa u kien hemm bżonn l-finanzi għall-investiment li xtaqu iwettqu hu u Debattista kienu ftehmu illi peress illi ma' kienux qed jirnexxielhom jirkupraw l-ispejjeż fiż-żmien mixtieq, huma kellhom jkopru personalment il-bilanċ li kien fadal:

> *"Fil-fatt jien irrinuncjajt ghas-servizzi professjonali u drittijiet ohra Ii kont akkumulajt ghas-somma ta' €12,000 (tnax -ii elf ewro), filwaqt li s-Sur Paul Debattista kellu jiddepozita zewg cekkijiet ta' €5,000 {hames telef Euro) ghas-somma ta' €10,000 (ghaxar telef Euro). Jien qatt ma hadt flusi lura, u lanqas is-Sur Paul Debattista, izda is-Sur Debattista kien jithallas tax-xoghol li kien qed iwettaq ghal xi sentejn u nofs ghal total ta' madwar xi €5,000 (Hames t'elef Euro), f'cekkijiet u anka permezz ta' flus kontanti."*

8. Fl-istess affidavit ikompli jgħid illi wara li Debattista ddepożita ċ-ċekkijiet dan kien ipproponilu li jiktbu karta bejniethom għaliex kienet qed tgergirlu l-mara. Xi xahar wara li ħareġ il-flus ġew iffirmati l-iskritturi in kwistjoni. L-intimat jisħaq li huwa qatt ma' kien f'posizzjoni li jħallsu lura dawn il-flus għaliex dawn kienu ġew msellfa lil A.T.B. Limited u filfatt Debattista anqas qatt ma' ppretenda li jieħu lura dawn il-flus mingħand l-intimat. Jgħid illi t-tnejn li huma kienu jafu li l-flus investiti

[8] Fol 109-111

minnhom ma' kienux ser jitħallsu lura tagħhom iżda b'danakollu kienu kburin bil-kontribut tagħhom lill-bdiewa Maltin.

9. In kontroeżami sostna illi l-iskritturi kienu saru sabiex sakemm jieħdu flushom lura Debattista "*ikollu sort of a letter of comfort biex jikkalmaha ftit*" lil martu r-rikorrenti.[9] Għall-mistoqsija dwar jekk kienx jaf li dak iż-żmien kellu numru ta' sekwestri personalment kontrih huwa wieġeb li ma' jiftakarx.

10. Meta mistoqsi mill-Qorti għalfejn fl-iskritturi ma' tniżżilx illi s-self kien qed isir lill-kumpanija u jekk kienx konxju tad-differenza bejnu u bejn il-kumpanija, huwa stqarr illi għalkemm jifhem li taf xi tfisser id-distinzjoni madanakollu huwa ma' kienx ta' kas x'kien hemm miktub fl-iskritturi u li huwa ffirma biex jaġevola lil Debattista fir-rigward ta' martu.

11. Fil-kawża xehdet ukoll permezz ta' affidavit ċertu Shanice Spagnol, persuna li kien taħdem b'mod volontarju ma' A.T.B. Limited, li spjegat illi Paul Debattista, li kien imur l-uffiċċju tal-kumpanija ta' spiss, qatt ma' kien kellimha illi sellef xi flus lill-intimat personalment.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

12. Dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, ir-rikorrent ressqet provi suffiċjenti li hija l-eredi universali tad-*decujus* Paul Debattista[10] u li l-flus in kwistjoni ħarġu mill-*joint account* li kellha mal-istess żewġha.[11] Għalhekk din l-eċċezzjoni ma' tistax ħlief tiġi miċħudha.

13. It-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, ossia illi l-intimat m'huwiex il-leġittimu kontradittur għaliex qatt ma' self mid-*decujus* u illi l-iskritturi jipprovdu għal promessa ta' self u mhux self attwali, jistgħu jiġu meqjusa flimkien.

14. Fit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-intimat isostni li l-iskritturi jipprovdu għal promessa ta' self u mhux self attwali. Mill-iskritturi esebiti jidher ċar illi fuq kull wieħed minnhom l-intimat u l-mejjet Paul Debattista kienu ftehmu li tal-aħħar kellu jsellef lill-intimat somma flus ta' € 5,000, liema somma kellha titħallas lura bl-imgħax ta' 6% sal-31 ta' Lulju 2015. It-total li kellu jiġi misluf għalhekk kien dak ta' €10,000.

---

[9] Fol 117B
[10] Fol 20-25
[11] Fol 26, 45, 55, 58

Matul il-kors tal-kawża pero' l-intimat ammetta, u filfatt ġie ppruvat anke mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-bank, li d-*decujus* u martu r-rikorrenti kienu verament ħarġu s-somma ta' €10,000 fiż-żmien tal-iskritturi (i.e. żewġ ħlasijiet ta' €5,000 il-wieħed). Il-kontestazzjoni tiegħu filfatt m'hijiex li s-self ma' sarx, iżda illi s-self kien mogħti mid-*decujus* lill-kumpanija A.T.B. Limited u mhux lilu personali. Il-liġi ma' titlobx il-forma miktuba *ad validitatem* fil-każ ta' mutwu iżda biss fil-każ ta' wegħda ta' self bħal ma' filfatt ġara hawnhekk.[12] L-iskritturi jevidenzjaw b'mod ċar il-promessa ta' self, liema self imbagħad jirriżulta li sar (dwar lil min hija kwistjoni separata li ser tiġi diskussa dalwaqt) u ma' kienx hemm il-ħtieġa li anke s-self innifsu jiġi redatt fil-kitba. Din l-eċċezzjoni għalhekk hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

15. Rigward it-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-intimat jisħaq illi l-ammonti in kwistjoni ġew depożitati fil-kontijiet tal-kumpanija A.T.B. Limited bħala investiment u ma' ġewx mislufa lilu personalment u għalhekk m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni. Ir-rikorrenti min-naħa tagħha ssostni illi l-intimat jaf tajjeb illi l-flus ġew mislufa lilu personalment u li filfatt kemm il-darba kien serrħilha moħħha li ser iħallasha.

16. Il-Qorti tagħraf illi bejn dak li jallega l-intimat u dak li tgħid r-rikorrenti hemm baħar jaqsam. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Galea v. Maria Dolores Briffa** (Rik. Nru. 422/2012 MLF, 23/02/2022):

> *"F'każijiet bħal dawn meta l-partijiet jagħtu żewġ verżjonjiet tal-fatti li huma kunfliġġenti jew opposti għal xulxin, huwa risaput li l-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda minn dawn il-verżjonijiet teskludix lill-oħra fuq is-soliti kriterji tal-kredibilità, tal-konsistenza u verosomiljanza. F'kawżi ta' natura ċivili, dan l-eżerċizzju l-Qorti għandha tagħmlu fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi li joħolqu fil-ġudikant il-konvinzjoni li jaċċetta verżjoni u jeskludi l-oħra."*

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **John Bonnici v. Richard Vella** (PA, Rik. Nru. 103/2011 GM, 04/07/2019) intqal illi:

> *"In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero` mhux kwalunkwe tip ta' konflitt*

[12] Art. 1233(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili

*għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall- passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant...*

*... In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas- sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża talattur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI, P.i, p.5.*

*b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;*

*ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament millallegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għabbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu talġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni talkonvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li*

*tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni"*

Il-Qorti tagħmel riferenza ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005) fejn inghad illi:

*"in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".*

17. Issa l-aqwa prova li hemm fl-atti proċesswali, ċioe l-iskritturi ffirmati bejn l-intimat u Paul Debattista, jxaqilbu sew l-miżien favur it-teżi rar-rikorrenti iżjed u iżjed meta tittieħed in konsiderazzjoni dak li xehdet l-istess rikorrenti. Il-posizzjoni tal-intimat hija dik illi l-iskritturi in kwistjoni kienu ġew simulati sabiex Paul Debattista iserraħ moħħ il-mara tiegħu illi l-flus kienu ġejjin lura. Skond l-intimat r-realta' magħrufa bejn il-kontraenti kienet dik pero' illi l-flus kienu ġew investiti fil-kumpanija mingħajr aspettanza li ser jiġu rritornati lura. Din it-tip ta' simulazzjoni, hekk imsejjħa simulazzjoni assoluta, tipprospetta li l-kuntratt ikun interament fittizju u li l-partijiet ma' riedu jikkuntrattaw l-ebda obbligazzjoni: *colorem habens, substantiam vero nullam* (b'distinzjoni mis-simulazzjoni relattiva fejn l-partijiet jagħmlu kuntratt taħt apparenza ta' ieħor *colorem habens, substantiam vero alteram*).

18. Kif inhuwa magħruf is-simulazzjoni hija forma ta' frodi u min jallegaha irid ta' bilfors iressaq provi konkludenti u perswassivi tagħha. Dawn il-provi jistgħu ikunu diretti jew indijzjarji u jekk ikunu indizjarji iridu ikunu preċiżi, gravi u konkordanti b'mod li l-provi ndizjarji ma jiswewx jekk ikunu ndebboliti minn provi ohra jew indizji kuntrarji.[13]

19. F'dan il-każ pero' l-Qorti ma' tqisx illi l-prova testimonjali tal-intimat  tasal imqar viċin għat-tip u livell ta' prova rikjesta fis-simulazzjoni. Huwa minnu illi ġie ippruvat

[13] **John Giordimaina et v. Giuseppe Agius** (Kollez. Vol XLVc pII p638, 21/04/1961)

li l-ewwel somma ta' €5,000 ġiet depożitata fil-kont tal-kumpanija A.T.B. Limited iżda dan il-fatt waħdu ma' jxellef xejn mill-ftehim ta' bejn il-kontraenti. Wara kollox m'huwiex inkonċepibbli illi persuna tissellef mingħad persuna oħra għall-benefiċċju ta' terz.

20. Fin-nuqqas ta' din il-prova konkludenti ta' simulazzjoni, l-intimat ma' rnexxielux jirribatti l-iskritt u għalhekk japplikaw żewġ prinċipji legali li huma bażilari fis-sistema probatorja tagħna u ċioe:

    1. Li **<u>kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba</u>**: "*contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur*"[14]. Dan il-prinċipju, bħal ħafna prinċipji oħra, jissokkombi għal numru ta' eċċezzjonijiet[15] bħal (i) meta l-kuntratt ikun *ivvizzjat minn frodi* jew altrimenti ikun *null għal xi raġuni valida fil-liġi*[16], (ii) meta l-kuntratt ikun *simulat*[17] - xi ħaġa li ttenta jagħmel l-intimat f'din il-kawża mingħajr suċċess (iii) meta s-sinjifikat tal-kitba jkun *ambigwu* jew il-kitba tkun tikkontjeni *partijiet kontradditorji*[18], (iv) meta jiġi ppruvat *patt inċidentali sekondarju* li jkun inkonciljabbli mal-iskritt[19], u (v) meta jkun hemm *ftehim verbali* li jammonta għal *kundizzjoni li subordinatement għaliha tkun saret il-konvenzjoni miktuba* u li minnha tkun tiddependi l-eżekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni[20]

    2. Li meta ikun sar ftehim li jkun kif trid il-liġi kemm fis-sustanza u kemm fil-forma, dak **<u>il-ftehim isir liġi bejn il-partijiet</u>**.[21] Il-vinkolu kuntrattwali għandu jiġi rispettat u l-volonta' tal-partijiet kif espressa fil-kuntratt għandha tipprevali: *pacta sunt servanda.*

21. Il-Qorti kellha ċ-ċans ukoll tifli l-komportament tal-intimat fuq il-pedana tax-xhieda in addizzjoni ma' dak li xehed bil-mezz tal-affidavit u jidhrilha illi f'iżjed minn

---

[14] **<u>Hazan v. Ebejer</u>** (Qorti tal-Kummerċ, 18/01/1892), **<u>Joseph Gatt v. Joseph Galea</u>** (Appell Ċivili, 14/04/1975), **<u>Dolores Mifsud v. Carmelo Rizzo</u>** (Appell Ċivili, 12/03/1984)
[15] **<u>Amante Caruana v. Saveria Bonnici</u>** (Ċit. Nru. 393/1983/2 PS, 31/01/2003)
[16] Kollez. Vol XVI pII p90, Kollez. Vol XXVII pI p725
[17] Kollez. Vol XXIX pII p1203, Kollez. Vol XXXII pI p138
[18] Kollez. Vol XXVI pI p414, Kollez. Vol XXXIII pI p542
[19] Kollez. Vol XXX pI p634, Kollez. Vol XXIII pI p870
[20] Kollez. Vol XLIV pI p267
[21] **<u>Beacom et. v. Spiteri Staines</u>** (Qorti tal-Appell Superjuri, 05/10/1998)

okkażjoni waħda l-intimat kien qarrieqi, ineżatt, evażiv jew mhux konviċenti fir-risposti tiegħu[22].

22. Pereżempju fir-rigward tal-firem tiegħu fuq l-iskritturi, filwaqt li fix-xhieda tiegħu mogħtija in subizzjoni fit-18 ta' Ottubru 2021 xeħet dubbju fuq kemm dawn kienu tiegħu (u fis-seduta tal-14 ta' Frar 2022 qal illi l-firem kienu mħanżra pero jaħseb li kienu tiegħu), fl-affidavit tiegħu stess għamel riferenza għall-istess skritturi (meta beda jallega li dawn kienu simulati) u terġa u tgħid esebixxa vera kopji tagħhom identiċi għal dawk esebiti mir-rikorrenti u murija lilu fuq il-pedana. H

23. Hekk ukoll fl-affidavit tiegħu l-intimat qal illi Debattista kien "*iddepożita żewġ ċekkijiet ta' €5,000 il-wieħed*" fil-kont tal-kumpanija A.T.B. Limited mentri dak li ħareġ mill-provi kien illi l-ewwel ċekk biss kien indirizzat lil dik il-kumpanija u filfatt ġie depożitat fil-kont tagħha (minn min, ma' jirriżultax) filwaqt li m'hemm l-ebda prova illi l-ammont tal-*bank draft* l-ieħor daħal fil-kont tal-kumpanija.

24. Inoltre fl-istess affidavit tiegħu l-intimat jallega illi l-€10,000 ġew investiti fil-kumpanija mid-*decujus* mingħajr ebda pretensjoni li ser jeħodhom lura. F'parti oħra tal-affidavit l-intimat jgħid illi dan l-ammont kien ġie *misluf* lill-kumpanija. Apparti n-nuqqas ta' distinzjoni bejn self (fejn l-ammont misluf ikun irid jiġi rifuż lura lil min sellef) u investiment (fejn ir-rifużjoni tkun tiddependi fuq l-andament tan-negozju ossia tal-investiment) li donnu l-intimat ma' jagħrafx jagħmel, il-Qorti tqis illi kemm jekk self u kemm jekk investiment l-intimat seta' faċilment ressaq bħala prova l-*financial statements* u l-*accounts* tal-kumpanija għas-sena in kwistjoni fejn invarjabilment kellu jkun indikat li sar dan id-dħul mid-direttur tagħha.

25. Imbagħad hemm indizji oħra li l-Qorti ma' setgħetx tinjora meta ġiet biex tqis il-kredibilta' o meno tal-intimat. Huwa fatt minnu nnifsu stramb u insolitu illi kwalunkwe persuna adulta ma' jkollux kont bankarju tiegħu personali. Meta imbagħad jirriżulta li dak il-persuna ikun fin-negozju jew midħla sew tad-dinja tal-

[22] F'dan ir-rigward intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet v. Carnik Construction** Limited (App Ċiv Nru: 1431/2002/1, 13/10/2008) illi: *"Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda"*

kummerċ u inoltre illi fil-konfront tiegħu ikun hemm fis-seħħ numru ta' sekwestri eżekuttivi, il-kwistjoni tieħu xejra oħra. Għalkemm l-intimat xehed illi ma' jafx b'sekwestri li nħarġu fil-konfront tiegħu personalment, mix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali rriżultat lista sħiħa ta' dawn is-sekwestri li jmorru lura sal-1993 inkluż mandati intavolati minn diversi banek. Il-Qorti tqis illi hawnhekk il-kredibilta' tal-intimat ġiet fix-xejn għaliex m'huwiex raġjonevoli illi persuna ma' jkunx jaf b'sekwestru li jkun ġie ppreżentat kontrih *multo magis* meta n-numru ta' sekwestri ikun ilaħħaq il-ħamsa u għoxrin (25) wieħed!

26. Lanqas ma' jagħmel xejn sens l-argument tal-intimat li l-iskritturi kienu xi tip ta' *comfort letters* ppjanati mir-raġel tar-rikorrenti għas-serħan tal-moħħ tagħha. Li kieku verament dan kien il-każ u li kieku s-self verament kien sar lill-kumpanija, ma' kien ser inaqqas xejn mill-*comfort letters* illi dawn jirriflettu t-transazzjoni reali, jiġifieri li l-kumpanija A.T.B. Limited kienet qed tieħu somma b'self minn Paul Debattista u li din kienet ser troddhom lura fiż-żmien stipulat. Mistoqsi mill-Qorti dwar din in-nuqqas ta' loġika l-intimat ma' seta' jgħid xejn għalkemm ammetta li kien jaf sew bid-distinzjoni ġuridika bejnu u bejn il-kumpanija.

27. L-unika xhud indipendenti li tressqet mill-intimat, ċertu Shanice Spagnol, li kienet taħdem b'mod volontarju ma' A.T.B. Limited u li kienet tara lil Paul Sciberras ta' spiss ġewwa l-uffiċċju tal-kumpanija, ma' qalet xejn li jista' jitqies in sapport tat-teżi tal-intimat. Huwa minnu illi xehdet illi Paul Debattista qatt ma' kien kellimha fuq xi flus li kien sellef personalment lill-intimat iżda b'daqshekk dan ma' jfissirx illi tali self ma' kienx sar, iktar u iktar jekk dan kien ta' natura personali u ma' kellu x'jaqsam xejn man-negozju tal-kumpanija. Il-Qorti għalhekk qed tiskarta totalment id-dikjarazzjoni tal-istess xhud illi d-*decujus "ma' kellu l-ebda intenzjoni li jsellef xi flus lis-Sur Louie Naudi personalment"* proprju għaliex m'huwiex mistenni li x-xhud kellha qatt tkun taf b'tali intenzjoni.

28. Fit-trattazzjoni finali tiegħu l-abbli avukat difensur tar-rikorrenti sostna illi l-intimat kien midjun lejn diversi nies kif jixhdu n-numru kbir ta' sekwestri fil-konfront tiegħu u li ċ-ċekk u l-*bank draft* ma' kienux ġew indirizzati lilu personalment proprju sabiex jiġi evitat illi dawn jiġu maqbuda mill-banek. Il-Qorti tara li din is-sottomissjoni hija plawżibbli jekk mhux ukoll probabbli. Fi kwalunkwe każ pero' u x'kienet ir-raġuni vera 'l għala ċ-ċekk u l-*bank draft* ma' kienux jindikaw lill-intimat direttament bħala l-benefiċċjarju ma' tagħmilx differenza kbira. Irrispettivament mill-possibilita' li seħħ dak allegat, il-Qorti xorta waħda tqis li l-verżjoni tar-rikorrenti hija sostanzjament iktar verosimili u attendibbli minn dik tal-intimat. Inoltre u kif ingħad l-intimat ħtieġlu jippreżenta provi konkludenti u perżwasivi

sabiex jirribatti l-iskritt u fin-nuqqas li jagħmel dan, għandhom japplikaw iż-żewġ massimi legali li kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba u li ftehim għandu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet.

29. Għalhekk it-tieni eċċezzjoni ukoll sejra tiġi miċħudha peress illi s-self kien wieħed personali lill-intimat. L-istess sejra tagħmel il-Qorti rigward il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati stante dak li rriżultalha kif fuq deskritt.

**Deċiżjoni**

30. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' għaxart elef euro (€10,000) liema somma kienet ġiet mislufha lilu mingħand il-mejjet Paul Debattista permezz tal-iskritturi datati 7 ta' Novembru 2014 u 25 ta' Novembru 2014. Bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |